MISSJONI DJOĊESANA

# L-IMĦABBA TA' KRISTU SSUQNA (2 Kor 5,14)



"Hija l-imħabba li għandha tqanqalna biex inxandru bis-sinċerità u bil-kuraġġ lill-bnedmin kollha l-verità li ssalva. Hija mħabba li għandha tinxtered ma' kullimkien u tilħaq il-qalb ta' kull bniedem... *(Benedittu XVI, Diskors lill-Kunsill Superjuri tal-Opri Missjunarji Pontifiċji 17 ta' Mejju 2008)*

- Jekk m'għandniex ħeġġa li Kristu jkun maħbub, ifisser li ftit għandna mħabba lejn Kristu.
- Il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni, jiġifieri li nxandru lil Kristu u nwasslu biex aktar bnedmin iħobbuh u jilqgħuh bħala Alla tagħhom, timxi id f'id mar-rispett lejn il-libertà reliġjuża ta' kull bniedem. Mhix ħidma ta' proselitiżmu, imma ta' xhieda ta' mħabba. Hu l-individwu li bil-libertà kollha tiegħu jiddeċiedi jaċċettax jew le l-istedina tal-imħabba ta' Alla.
- "F'din is-siegħa « fuq l-għatba tat-tielet millennu », il-Knisja kollha, Rgħajja u fidili, trid tħoss b'aktar qawwa r-responsabiltà tagħha li tobdi l-kmand ta' Kristu: « Morru fid-dinja kollha u xandru l-vanġelu lil kull kreatura » (Mk 16,15). Biċċa xogħol kbira, impenjattiva u sabiħa hi afdata f'idejn il-Knisja: dik tal-evanġelizzazzjoni ġdida, li tagħha d-dinja tal-lum tant għandha bżonn." (Ġwanni Pawlu II, Christifideles laici, n.64)
- "Jeħtieġ inqabbdu fina iż-żelu tal-bidu, inħallu lilna nfusna nimtlew bil-ħeġġa tal-predikazzjoni apostolika li seħħet wara Pentekoste. Irridu ngħixu fina nfusna dak is-sentiment jaqbad f'Pawlu, li qal: « ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju! » (1 Kor 9,16)" (Ġwanni Pawlu II, Novo millennio ineunte, n.40)

## Mill-Kalendarju Djoċesan:

***It-Tnejn 1 ta' Diċembru***: Jum Dinji kontra l-AIDS / Lectio Divina għas-Saċerdoti Żona Ċ (Sannat 4.00p.m.)
***L-Erbgħa 3 ta' Diċembru***: Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità
***Il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru***: Jum il-Volontarjat / Missjoni Djoċesana: Laqgħa Parrokkjali ta' Formazzjoni
***Is-Sibt 7 ta' Diċembru***: Nofs ta' nhar ta' Spiritwalitá għas-Saċerdoti (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb 8.30a.m.) / Katekeżi tal-Avvent għaż-Żgħażagħ (Seminarju 8.30p.m.)
***Mill-Ġimgħa 5 sal-Ħadd 7 ta' Diċembru***: Irtir Djoċesan għall-Abbatini (Forms 4-5)

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu' agħmel li l-istennija tiegħi biex niltaqa' miegħek tkun stennija attiva, u mimlija ħeġġa, biex inkun imħejji għal kull ħin li fiħ Int tista tiġi żżurni.

gozopress • 21551534




# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

L-1 Hadd tal-Avvent • Sena B • Id-39 Sena (2070) • 30 ta' Novembru 2008



# Ishru!

"Kunu għajnejkom miftuħa, ishru, għax ma tafux meta se jasal il-waqt. Jiġri bħal meta bniedem ikun siefer u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn il-qaddejja tiegħu, kull wieħed fuq xogħlu, u lil tal-bieb jordnalu biex jibqa' jishar. Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux fil-għaxija, jew f'nofs il-lejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ, li ma jmurx jiġi għal għarrieda u jsibkom reqdin. U dak li qiegħed ngħid lilkom, qiegħed ngħidu għal kulħadd: ishru?" (Mk 13, 33-37)

***RIFLESSJONI***

- Il-ħajja tal-bniedem hija stennija kontinwa għal-laqgħa ma' Kristu.
- F'din l-istennija Ġesu' jafdalna l-ġid tal-grazzji tiegħu biex inħaddmuhom u nagħmlu profitt spiritwali minnhom.
- M'hemm lok għall-għass għax is-Sid jista jiġi għal għarrieda jitolbok rendikont ta' kull azzjoni jew nuqqas ta' ħidma.
- Ma' nħallux il-materjaliżmu jaljenana mill-impenn tagħna fl-istennija għal Ġesu'.
- Ftit żmien ieħor Ġesu' se jżur id-dar tiegħek permezz tal-Missjoni Djoċesana.
- Qed nitħejja spiritwalment għal din l-ġrajja?



U mbagħad jaraw lil Bin il-Bniedem ġej fuq sħaba b'setgħa u glorja kbira.